Fil-għaxija mar fil-ħanut għall-inbid. Malli rawh dieħel sħabu staqsewh il-koll fl-imkien: "Kif marret, Dovik, qbadthom?"

"Kollox mar sewwa," wieġeb, domt nistenna qatigħ iżda fl-aħħar wara ħafna taqlib ta' karti u twaħħil ta' bolli għaddewhomli dawn l-imberkin flus."

—"Kellek xorti"—qal wieħed minn sħabu.

—"Hekk hu"—qal Dovik—"Ha ngħidilkom x'qaltli mara li kien hemm għand in-nutar. Ħaġa tal-għaġeb, imma ħalfitli li dak li qaltli kollu sewwa.

"Il-ħares ħallem lil dil-mara li fil-ġardina kien hemm ħofra mimlja bil-flus, qallha biex tfittex tmur teħodhom għax inkella jsirulha bebbux. Mita stenbħet il-mara qalet bejna u bejn ruħha. Għada mmur nara jekk il-ħares daħakx bija, mil-lum sa għada ma hemm xejn; din tal-bebbux ħrafa; jekk hemm il-flus, flus jibqgħu. Il-għada ħaffret u sabet il-moħhemm il-flus, flus jibqgħu. Il-għada ħaffret u sabet il-moħba fejn qallha l-ħares imma, ħaġa tal-għaġeb, għorma bebbux kull ma sabet. Tarawx l-aħwa sata' ġrali l-istess lili. Issa ixorbu bis-saħħa ta' hija Ġorġi u int Lonz ixrob magħna ukoll.

Lonzu mela t-tazzi u kullħadd xorob.

Dovik ħallas, sellem u ħareġ.

Il-għada, sebaħ, mar għand xbinu, u qallu kull ma ġara; xbinu ma ried xejn tal-parir li kien tah, imma Dovik newwillu qolla nbid ta' Maskri minn dak li jisbogħ it-tazzi.

Fil-ħanut ta' Lonzu ma rifisx iżjed u wara ġranet kera band'oħra u ħadd ma rah aktar f'dik il-ħara.

Il-ħbieb ta' Dovik ma setgħux jifhmu għala kien ħallihom bħal erbgħa fost il-ġimgħa. Lonzu, naħseb, ma għaġġilx igħidilhom x'kien hemm miżrugħ, u mita kienu jaħslu jsemmu lil Dovik qoddiemu, kien idawwar il-kliem. Kellux raġun das-sargu ħalliel li nqabad b'gamblu jinten?

T. Z.

# GĦANJA TA' MĦABBA

Lejla ta' Lulju
b'sema kaħlani,
minn sħaba waħda
bla xejn imtabba',
kemm bis-sbuħija
u bl-għaxqa tiegħek
fil-qalb tal-bniedem
tnissel imħabba!

Leħen kitarra
mill-bogħ'd mal-għanja
ta' nies tar-raħal
ġej waħdu... hemm ġewwa
fil-għorfa mdawla
qamet minn friexha
xbejba għal dik l-għanja
tissamma' l-ħlewwa...

L-għannej nistħajlu
żagħżugħ smajrani,
imdawwar kagħka
minn ħbieb, u ħbiebu
għal mîn, u għax jafu
għalfejn dik l-għanja,
taħt l-għorfa waqfu
fejn kienet ħsiebu.

Għaddejja bl-għaġna
fuq rasha x-xbejba
ftit ilu kienet.
Lejn l-art għajnejha,
l-għannej kif lemħet
ma' ħbiebu jgħanni,
sarulha ġmamar
tan-nar ħaddejha.

U fl-aħħar jasal
il-jum tal-hena...
il-jum tal-kelma,
li ttemm il-ħrara,
il-jum tar-rabta,
il-jum tal-Barka,
fil-għors ma' ħbiebhom
u mal-ħaddara...

Kemm inti ħelwa,
għanja ta' Mħabba
f'ħalq mingħajr żina
minn qalb ta' tfajjel!
Ma nafx il-għala
kelma tas-Sema
nieżla fid-dinja
lilek nistħajjel!

Jien ukoll f'qalbi
inħossni safi
waqt li nisimek,
għanja ta' Mħabba,
bħal kieku fija,
il-qerq, il-ħażen
tad-dinja ħânja
qatt, qatt ma trabba.

Għal kollox mietet
kienet għalija
xraret il-għána
li wisq ħabbejt,
imma kif smajtek,
għanja ta' Mħabba,
lilha ġò sidri
irġajt ħassejt.

C. M. B.